MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 1020/2011

**Percius Car Hire Limited [C-3989]**

**vs**

**Patrick Pellegrini [ID. Nru. 109758(M)]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fid-9 ta' Dicembru, 2011** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' mija u sitt euro u ghoxrin centezmu ta' euro [€106.20] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Is-socjeta attrici qed titlob lil konvenut ihallas is-somma ta' €106.20 (mija u sitt euro u ghoxrin euro centezmu) rapprezentanti danni sofferti fil-vettura tat-tip Mercedes Reg Nru PGY 004 u dana b'konsegwenza ta' negligenza u imperizja da parti tal-konvenut.

Bl-spejjez u bl-imghax ulterjuri mid-datat tal-fattura".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimat gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestax it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar l-24 ta' Ottubru, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar l-24 ta' Ottubru, 2012 u l-fatt li l-intimat naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-intimat jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' mija u sitt euro u ghoxrin centezmu ta' euro [€106.20], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimat fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------